Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 410 / 2017

Il-Pulizja

Spettur Roderick Agius

Vs

Dustin Azzopardi

Illum 31 ta' Jannar, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Dustin Azzopardi detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 420382 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-30 t' Ottubru, 2015, ghall-habta ta' 19:00 hrs gewwa Triq il-Qamh, Haz-Zebbug u f' dawn il-Gzejjer:

1) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Tiziana Riviera f' periklu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi ghad-detriment ta' Tiziana Riviera u / jew persuni ohra u b' sussistenza tac-cirkostanza aggravanti kif kontemplat fl-artikolu 222 (1) (a) tal-Kodici Krirninali in kwantu lill-vittma ghandha tarbija komuni mal-hati u dan ai termini tal-artikolu 202 (h) (iv) tal-istess kodici;

2) Akkuzat ukoll talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Stefan Riviera f' periklu car. ikkaguna griehi ta' natura hafifa ghad-detrirnent ta' Stefan Riviera u / jew persuni ohra;
3) Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkustanzi kiser il-paci pubblika b' ghajjat u glied;
4) Il-Qorti hija gentilment mitluba tapplika l-provvediment tal-Artikolu 383 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta a favur ta' Tiziana Riviera u Stefan Riviera.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-12 t' Ottubru, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 214, 215, 216 (l) (b), 218 (l) (b), 221 (l). 222 (l) (a), 338 (dd), 383 (l), 532 A, 532 B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, u ghaldaqstant illiberathu minnhom.

Sabithu hati tal-ewwel imputazzjoni. u ghalhekk ikkundannatu ghall-piena ta' sena prigunerija sospizi ghal tlitt snin, ai termini tal-Artikolu 28 A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ordnat l-hrug ta' ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412 C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tlitt snin, favur Tiziana Riviera.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Dustin Azzopardi, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 t' Ottubru, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonlerma s-sentenza fejn ma sabitx lill-appellant hati li kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq Stefan Riviera u li kiser il-paci pubblika b' ghajjat u glied (t-tieni u t-tielet imputazzjoni) izda tirrevoka u thassar is-sentenza appellata fejn l-appellant instab hati tal-ewwel akkuza u cioe' li kkaguna ferita gravi ghad-detrirnent ta' Tiziana Riviera bis-sussistenza tac-cirkustanza

aggravanti u konsegwentement tilliberah minn din l-imputazzjoni u l-konsegwenti htija u piena; alternattivament u biss f' kaz li din l-Onorabbli Qorti joghobha tichad l-aggravji tal-appellant dwar is-sejbien ta' htija li ghalhekk tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, l-appellant jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-piena nflitta ghal wahda aktar ekwa u gusta fid-dawl tac-cirkostanzi u n-natura tal-kaz, kif fuq spjegati.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat Illi l-Agaravji huma dan u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti;

1. **Xhieda kunfligenti, li ma tista' qatt twassal ghall-htija;**

Illi fl-umli fehma tal-esponent l-Ewwel Onorabbli Qorti, qatt ma setghat ragjonevolment tasal ghal konklu±joni ghaqlija, illi l-appellant huwa hati tal-ewwel imputazzjoni. illi hekk kif jirrizulta mit-transkrizzjoni tax-xhieda, jidher b' mod dan illi dan id-dizgwid inqala' sforz l-persistenza u l-pika tal-parti leza Tiziana Riviera. illi l-imputat tenna diversi drabi u jirrizulta b' mod dan illi l-uniku intenzjoni illi kellu kien illi jghaddi sabiex jara lill-uliedu. Illi fl-ebda hin ma jirnizulta illi l-appellant b' xi mod refa' idejh fuq Tiziana jew b' xi mod instiga l-argument sabiex ikun jista' jasal ghal dan. Di piu' l-appellant jixhed illi kienet Tiziana illi 'hebbet ghalija' u li sussegwentarnent wara kien Stefan Riviera, ir-ragel ta' Tiziana Riviera illi 'Nizel ghalija' u meta mistoqsi x' gara kkonferma billi qal Hebb ghalija u.' Illi dan kollu jirrizulta mix-xiehda tal-appellant meta dan ripetutament ikkonferma bil-gurament quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti illi huwa, qatt ma mess jew aggredixxa lil Tiziana Riviera[1];

[1] Vide xhieda ta' Dunstan Azzopardi a' fo; 4 u 5.

Pros: Fuq dina Tiziana. Kellhom xi feriti? Inti akkuzat illi ghamiltilha xi feriti ta' natura gravi. Inti dina erfajt idejk fuqha din Tiziana?

Xhud: Le, le, le.

Pros: Jigifieri inti dawn il-frriti li inti qed tghid li ghamiltilha taf biex, qed tichad li ghamiltha f' dan l-incident li inqalgha?

Xhud: Le u zgur. Le jien cert li m' ghamiltilha xejn.

Pros: Cert li m' ghamiltilhiex int?

Xhud: Cert.

Illi omm u missier l-appellant ikomplu jikkonfermaw dan kollu. Tant hu hekk illi Helen Azzopardi (omm l-appellant) sostniet illi dakinhar tal-incident kienet baqghet irnpressjonata bl-ghagir ta' Tiziana Riviera li sostniet illi;

'Jien morna, qaghadt fil-karozza, f' daqqa u l-mument smajt storbju u ghidt dan l-ghajjat x' inhu? Hrigt mill-karozza, nara t-tifel tieghi Dustin baxxut, hi tigbidlu xaghru bi hdura. Jien bdejt nghajjat u nibki hallih kemmint hadra, kemm int hadra u ghadni impressjoata meta niftakar qed nara t-tifel tigbdu minn xaghru baqghat stampata go mohhi. Jien imbaghad daqshekk bqajt ma' genb nibki u nghidilha hallih kemm int hadra, s' hemm'[2]

Illi, di piu' missier l-appellant kompla sahhah din il-verzjoni tal-fatti, meta quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti dan xehed is-segwenti;

Pros: L-A rguinent min kien involut fih?

Xhud: Ijja l-argument Tiziana u Dustin ghax hu l-iehor nizel ghalih taghha ma nafx x' jismu

Pros: Eh

Xhud: Nizel ghalih, imsomma u telghet fuq dahru, qabditu hekk u ddawwarlu xaghru. Sadanittant l-ohrajn qabdu flimkien u l,.............

[2] Ara pagna 2 tax-xhieda ta' Helen Azzopardi

Pros: Min qabad flimkien?

Xhud: Hi u r-ragel taghha x' ha nghidu?

Pros: Eh

Dr M. Sciriha: Sehibha

Xhud: U r-ragel taghha ma nafx x' jismu jien.

Pros: Eh

Xhud: Ehe, qabdu flimkien u hi aktar terku u ddawwarlu hekk rasu. Jien ddisprajt, sahansitra nizlet il-mara ghax konna qrib xulxin. Nizlet il-mara kwazi tibki. La naf qaltlu erhilu.... issa tixhed hi. Irhilu ghalfejn qed taghmillu hekk qed issawwtu lil ibni.

Pros: Eh

Xhud: U t-tnejn ituh, qed tifhem dik jigifieri.[3]

Illi bid-dovut rispett, fl-umli fehrna tal-appellant, meta wiehed jikkumpara x-xiehda kollha hekk kif prodotti quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, qatt ma setghat din l-Qorti tghaddi sabiex gustament tasal ghal konvinzjoni morali; lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni sabiex tirrizulta l-ewwel akkuza. Illi jidher b' mod manifest illi l-uniku intenzjoni li kellu l-appellant dakinhar tal- kaz odjern kien li jmur jara lil uliedu, kif ghandu dritt u dmir kull missier responsabbli! Illi meta dan safa aggredit u fizikament pprovokat minn Tiziana Riviera, dan ukoll kien jinsab zvantaggjat peress li mhux biss kellu jipprova jiddefendi ruhu rnid-daqqiet li beda jaqla izda safa rezistit u attakkat ukoll minn Stefan Riviera, li ukoll kien prezenti dakinhar tal-incident.

Illi ghalkemm jidher b' mod car illi bhall-appellant Tiziana Riviera soffriet xi griehi l' wiccha, tenut kont illi l-argument qam gewwa l-komun ta' blokka ta' flats, fejn l-ispazju jkun limitat u kostrett ghal tliet persuni, fl-ebda hin matul dawn l-proceduri ma gie stabbilit illi kien l-appellant illi aggredixxa lil Tiziana Riviera b' mod illi kkawzala l-griehi in kwistjoni. Illi l-ewwel Onorabbli Qorti, fl-umli fehma lal-esponent, naqset, milli tibbaza l-htija taghha fuq fatti konkreti li jorbtu lill-appellant

[3] Vide fol 4 u 5 tax-xhieda ta' George Azzopardi

direttament mal-feriti in kwistjoni, u minflok ghazlet illi semplicirnent tistrieh fuq ix-xiehda tal-parti leza, u skartat x-xhieda konkreta u kkorraborata tal-appellant u l-genituri tieghu, b' mod irragjonevoli. Ghalkemm huwa principju ben assodat fil-gurisprudenza nostrana, illi l-Qorti illi quddiemha jinsternghu x-xiehda ghandha kull dritt tiskarta l-verzjoni ta' xhud favur iehor, gie ukoll ritenut diversi drabi illi (L-Qorti tal-Appell Kriminali);

L-ewwelnett din il-Qorti ma tbiddilx decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti
jekk din tkun wahda li ghaliha l-Qorti setghet tasal
kemm legalment kif ukoll ragjonevolment.[4]

Illi jidher b' mod car illi, anke sahansitira wara l-incident il-partijiet ikkolaboraw flimkien tant illi kien missier l-appellant stess li kkura d-demm li kellha l-parti leza. Madankollu minn imkien ma jirrizulta, illi b' mod ragjonevoli l-Ewwel Onorabbli Qorti setghat tasal ghall-konkluzjoni illi dawn il-feriti kienu gew kkawzati direttament mill-appellant, aktar u aktar meta kienet l-appellanti stess illi kienet aggrediet u pprovokat lill-appellant

2. **Nuqqas tan-ness u intenzjoni doluza in kwantu jikkoncerna l-involviment tal-appellant u l-griehi sofferti mill-parti leza Tiziana Riviera;**

Illi, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, hekk kif jirrizulta mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni, minn imkien ma jirrizulta b' mod manifest u car in-ness, illi kien l-appellant illi kkawza l-griehi in kwistjoni, Illi billi l-appellant ddefenda ruhu, meta safa rezistit minn zewg adulti (Tiziana u Stefan Riviera), bl-ebda mod ma din ghandha titqies bhala prova illi tissodisfa l-livell probatorju rikjest fil-kamp Kriminali sabiex, l-appellant jigi ddikjarat hati illi kkaguna ferita gravi fuq Tiziana Riviera. Tant u hekk, illi kieku ma kienx ghal Stelan Riviera, kieku lanqas biss kienu jissejhu l-pulizija, u kienet Tiziana Riviera stess li sostniet illi ma kellhiex bzonn ambulanza! Illi l-element doluz, fil-fatti speci tal-kaz odjern huma ghal kollox mankanti, peress li l-appellant lanqas biss setgha jiddefendi ruhu sew, minhabba li

[4] Il-Pulizija Spettur Ramon Mercieca vs Joseph Scicluna deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Onor. Mhallef Lawrence Quintano, nhar l-20 ta' Settembru, 2012

Stefan Riviera kien ghattilu wiccu bil-flokk tieghu stess, liema sitwazzjoni tkompli, tikkonferma t-tezi tal-appellant illi huwa ma kien fl-ebda hin sawwat lil Tiziana Riviera.

Illi dan l-appell intavolat mill-appellanti Dustin Azzopardi huwa essenzjalment imsejjes fuq l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti u dan biss fir-rigward tas-sejbien ta' htija ghall-ewwel imputazzjoni, billi jidhirlu illi x-xhieda konfliggenti fl-atti processwali ma setghet qatt twassal ghal sebien ta' htija. Oltre dan jishaq illi ma kien hemm l-ebda prova li turi illi l-feriti ikkagjonati mill-parti leza gew maghmula intenzjonalment minnu.

Ikkunsidrat,

Illi jibda biex jinghad kif mistqarr diversi drabi mill-qrati taghna, illi qorti ta' revizjoni qajla ghandha tqanqal l-apprezzament li jkun gie maghmul mill-Ewwel Qorti hlief meta jirrizultalha illi tali apprezament ikun wiehed erronji kemm fuq bazi legali kif ukoll fuq bazi fattwali u cioe' meta l-gudikant li f'idejh huwa rimess il-gudizzju ma setax la ragjonevolment u lanqas legalment jasal biex jaghmel tali apprezament. Illi huwa biss f'dawn ic-cirkostanzi illi din il-Qorti allura ghandha tiddisturba tali apprezzament. (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn)[5]"

Issa meta wiehed ighasar l-lanjanzi ventilati mill-appellanti ghar-rigward ta'l-apprezzament li gie maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi, fejn allura sabet lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-appellanti kien il-persuna li aggredixxa lil parti leza u ikkagjonalha il-feriti minnha riskontrati f'dan l-incident, ghandu johrog illi l-ilment tieghu huwa wiehed u uniku u cioe' illi fil-fehma tieghu dan l-apprezzament kien wiehed erronju billi x-xhieda fir-rigward ta' kif sehh is-sinistru

[5] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008

mertu tal-kaz kienet wahda konfliggenti u li allura ma setatx tilhaq il-grad tal-provi mehtiega fil-kamp penali.

Issa ibda biex il-fatt li l-appellant cahad illi kien hu li agredixxa lill-parti leza Riviera u li allura kien hemm verzjonijiet konfliggenti dwar min ta bidu ghal dan l-iskontru mertu tal-kaz biex b'hekk irrizulta konflitt fil-provi, ma jfissirx necessarjament li hu kellu jigi liberat ghaliex l-Ewwel Qorti kienet libera li temmen il-versjonijiet moghtija mill-parti leza w tiskarta dik tieghu . Mhux kull konflitt fil-provi awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni ta' akkuzat

Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker" [ 19.5.1997] :- "***It is true that conflicting evidence 'per se' does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one.***"

"**Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta mill-gurati, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni w dak l-apprezzament . Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju tal-gurati , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli , jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta.**[6]"

Stabbilliti ghalhekk dawn il-linji gwida gurisprudenzjali u legali, din il-Qorti tistqarr illi wara li ezaminat mill-gdid l-atti tal-kaz ma tistax issib l-ebda mottiv li jista' iwassalha titbieghed mil-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi

[6] App.Sup. Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt, deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994

minnha maghmul. Dan ghaliex mhux biss il-provi cirkostanzjali jimmillitaw favur il-parti leza, izda ukoll l-appellanti ma iressaqx l-icken prova biex jissostanzja il-verzjoni minnu imressqa quddiem l-Ewwel Qorti.

L-artikolu 638(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi hekk: "*Bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti, u li ma jithalla barra l-ebda xhud li x-xhieda tieghu tkun importanti*", regola li ghandha tapplika bl-istess qies ghal Prosekuzzjoni kif ukoll ghad difiza, b'dan ghalhekk illi ghalkemm l-persuna akkuzata ghandha id-dritt ghas-silenzju u mhi obbligata tipprova xejn, madanakollu jekk taghzel li trid taghmel xi prova anke permezz tax-xhieda taghha, allura fil-konfront tal-akkuzat ghandhom japplikaw dawk ir-regoli kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-apprezzament tal-provi. L-akkuzat allura ghandu jipprova dak allegat minnu sal-grad tal-probabbli u jekk dan il-grad tal-prova ma jilhqux allura jkun qed ixejjen dak minnu allegat. Fil-fatt s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 634 tal-Kodici Kriminali jipprovdi testwalment: "*Id-disposizzjonijiet tal-ligi dwar ix-xhieda jghoddu ghall-imputat jew akkuzat li jaghti x-xiehda tieghu taht gurament*".

Illi ghalkemm l-appellanti jikkontendi li kienet Tiziana Riviera li hebbet ghalih u mhux vice-versa tant illi jishaq illi anke sofra griehi f'dan l-incident bid-daqqiet li qala' minn ghandha u ir-ragel taghha Stephen Riviera, madanakollu ma iressaq l-ebda prova bhal xi certifikat mediku li jindika x'kienu n-natura tal-griehi u jekk l-istess kenux kompatibbli mal-verzjoni tieghu tal-fatti. Illi imbaghad il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-genituri ta'l-appellanti ma taghmilx sens u lanqas hi kredibbli.

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti qajla temmen illi dawn it-tnejn minn nies inzertaw marru hdejn ir-residenza tal-parti leza b'kumbinazzjoni fl-istess hin li mar binhom hemmhekk. Jidher mix-xhieda ta'l-istess Helen Azzopardi illi dak in-nhar li sehh l-incident mertu tal-kaz hija kienet marret beix tigbor it-tfal in komun bejn it-tifel taghha u Tiziana Riviera mill-iskola, fejn giet infurmata mis-surmast illi kienet giet ommhom u gabrithom. Ghalhekk flimkien ma' zewgha irhetilha lejn id-dar ta' Riviera, allegatament biex zewgha jurieha fejn kienu joqghodu it-tfal ma'ommhom u ir-ragel taghha Stephen Riviera. L-appellanti minn naha tieghu jishaq illi dak in-nhar

huwa kien mar ghand omm uliedu sabiex jiehu l-access ghat-tfal tieghu imwielda mir-relazzjoni li huwa kellu mal-parti leza, fejn din imbaghad irrifjutat li taghtih dan id-dritt. Izjed 'il quddiem fix-xhieda tieghu izda jikkonferma dak li tixhed ommu fix-xhieda taghha u cioe' illi dak in-nhar it-tfal kellha tmur ghalihom l-iskola ommu, izda Riviera marret qabilha u gabbret it-tfal hi. Ommu cemplitlu inkwetata u kien hawnhekk allura illi it-tlieta li huma u cioe' l-appellant u il-genituri tieghu irhewlha ghand Riviera ghas-sodisfazzjon.

Kien b'dan l-animu ghalhekk li l-appellant wasal ghand Riviera fejn beda jinsisti biex jiehu it-tfal mieghu u l-parti leza bdiet tirrfijuta thallieh jara it-tfal. L-appellanti jikkontendi illi hawn dahal fil-komun ta'l-appartament sabiex ighajjtilhom. Sa hawn jidher illi hemm qbil bejn il-verzjonijiet taz-zewg ko-litigandi. Il-parti leza fil-fatt tishaq illi hija bdiet tipprova izzomm lill-appellanti mill-flokk sabiex ma jidholx gewwa, nizel zewgha mill-appartament fejn jirrisjedu u tikkontendi illi hawn l-appellanti dar fuqha u taha xebgha biex b'hekk sofriet xi griehi f'wiccha. L-appellanti izda ighid bil-kontra billi jishaq illi kienet Riviera u zewgha li hebbew ghalih meta huwa ipprova jidhol gewwa biex ighajjat lit-tfal. Ighid li sofra xi griehi u ghalkemm jikkontendi illi gie invistat minn tabib u ghadda ic-certifikati medici lill-pulizija madanakollu dawn qatt ma gew prodotti minnu kif lanqas ma gie prodott biex jixhed xi tabib li allegatament ezamina dawn il-griehi. Lanqas ma kien kapaci jaghti spjegazzjoni kif irrizultaw il-griehi fuq il-parti leza ghalkemm jibqa' isostni illi huwa ma kienx refa idejh fuqha.

Illi imfassla dina l-istampa ta' dak li jirrizulta mill-atti probatorji allura huwa bil-wisq evidenti illi l-appellanti ma jirnexxielux jilhaq il-grad tal-prova mehtiega minnu fil-kamp penali. Il-griehi sofferti mill-appellanti huma kompatibbli ma' daqqa fil-wicc kif tikkontendi hi li qalghet minn ghand l-appellanti. L-appellanti mar hdejn ir-residenza tal-parti leza diga urtat mill-fatt illi din ta'l-ahhar kienet gabbret hi it-tfal mill-iskola u cahhditlu l-access ghalihom. L-intenzjoni tieghu kienet li jiehu it-tfal xortawahda anke jekk jidher illi l-part leza bdiet tirrifjuta taghmel dan. Sfortunatament b'mod specjali ghall-ulied minuri, sehhet l-agressjoni mertu tal-kaz.

Kwindi l-aggravvji imressqa mill-appellanti ma jisthoqqilhomx akkoljiment u qed jigu michuda.

Illi finalment l-appellanti fit-talba li ressaq fir-rikors tieghu ta'l-appell qieghed b'mod subordinat jitlob varjazzjoni fil-piena fl-eventwalita' li l-aggravvji tieghu ma jigux milqugha minghajr ma iressaq aggravvju formali f'dan is-sens. Illi din il-Qorti kellha okkazzjoni diversi drabi tirribadixxi illi ma huwiex bizzejjed ghall-appellanti illi iressaq talba simili minghajr ma jaghti raguni wahda li fuqha huwa qieghed isejjes l-ilment tieghu. Din il-Qorti certament ma ghandhiex hi stess toqghod tfittex xi motivazzjoni jew raguni li tista' twassalha titbieghed mid-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti meta tigi biex tikkalibra l-piena li ghandha tinghata ghar-reat li dwaru tinstab htija. Illi gjaldarba f'dan il-kaz il-piena hija wahda li taqa' fil-parametri tal-ligi u fejn l-Ewwel Qorti ghogobha, ghal motivi infraskritti fl-istess decizjoni, u li din il-Qorti del resto tikkondividi pjenament, taghti piena alternattiva ghal dik tal-inkarcerazzjoni effettiva, u fin-nuqqas ta' xi raguni moghtija mill-appellanti li tista' twassalha tvarja tali piena, ma tarax illi l-piena inflitta ghandha tigi mibdula.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur